.

**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 26 ta' Mejju, 2016**

Numru 4

**Rikors Guramentat Nru. 513/2011**

**P.W.A. Limited**

**vs**

**Marina Rinaldi s.r.l (socjeta registrata gewwa Reggio Emilia, l-Italja bin-numru REA 182468)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-26 ta' Mejju 2011 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta attrici tiggestixxi negozju ta' bejgh ta' hwejjeg tan-nisa, liema negozju precedentement kien jigi gestit mill-hanut bl-isem 'Puer Boutique' fl-indirizz 36 u 37, Balluta Buildings, Triq il-Kbira, San Giljan u fil-prezent mill-hanut bl-istess isem li jinsab fl-indirizz Tigne Place, Triq Tigne, Sliema;

2. Illi s-socjeta attrici kienet iddecidiet illi taghmel investiment sostanzjali hafna sabiex tiehu b'kera, tiftah u tabbelixxi l-hanut il-gdid li jinsab f'Tigne Place, Triq Tigne, Sliema wara li lahqet ftehim mas-socjeta konvenuta sabiex din tibda tissuppliha b'mod esklussiv bi hwejjeg tad-ditta taghha sabiex dawn jinbieghu fis-suq lokali mis-socjeta attrici mill-imsemmi hanut;

3. Illi fil-kors ta' dawn id-diskussjonijiet mar-rapprezentanti tas-socjeta konvenuta, senjatament is-Sur Carlo Meli, is-socjeta attrici dejjem uriet bic-car illi l-hsieb taghha kien illi dan il-hanut il-gdid, l-istess bhal dak precedenti, jopera bhala multibrand retail outlet illi minnu jinbieghu hwejjeg tan-nisa u oggetti affini ta' kwalita gholja ta' diversi ditti / brands ta' fama tajba, fosthom l-istess Marina Rinaldi u Penny Black, brand gestita minn ditta li, l-istess bhas-socjeta konvenuta, tifforma parti mill-Unipersonale Gruppo Max Mara, u Luisa Spagnoli S.p.A. u Melluso di Beniamino Melluso;

4. Illi fil-kors ta' dawn id-diskussjonijiet il-pjan ta' hidma tas-socjeta attrici illi kellu jservi bhala l-bazi ghar-relazzjoni kummercjali u kuntrattwali bejn iz-zewg partijiet kien gie pjenament accettat mis-socjeta konvenuta;

5. Illi s-socjeta konvenuta kienet esprimiet ir-rieda illi sabiex tigi stabbilita tali relazzjoni kummercjali u kuntrattwali, is-socjeta attrici kellha tiftah hanut fil-qalba tac-centru kummercjali ta' Sliema sabiex minnu jinbieghu l-prodotti tas-socjeta konvenuta, u s-socjeta attrici, a bazi tal-assigurazzjonijiet lilha moghtija mis-socjeta konvenuta, imbarkat fuq dan il-progett li tiehu u tiftah hanut fil-qalba tac-centru kummercjali ta' Sliema b'investiment ta' eluf kbar ta' ewro;

6. Illi di fatti l-hanut t'Tigne Place, Sliema kien infetah bil-barka u bl-approvazzjoni tas-socjeta konvenuta u bl-accettazzjoni tal-fatt li mill-imsemmi hanut kienu se jinbieghu hwejjeg u prodotti mhux biss tas-socjeta konvenuta bhala monobrand jew franchising shop izda anke hwejjeg u prodotti ta' ditti ohrajn;

7. Illi s-socjeta attrici kienet regolarment taghmel ordnijiet ghax-xiri ta' hwejjeg minghand is-socjeta konvenuta f'ammonti ferm konsiderevoli ta' flus u investiet bil-kbir sabiex ippromwoviet il-hwejjeg u l-prodotti tas-socjeta konvenuta u stabbiliet klijentela b'sahhitha u regolari ghal dawn il-prodotti;

8. Illi f'qasir zmien gew stabbiliti relazzjonijiet kummercjali b'sahhithom hafna bejn iz-zewg partijiet tant illi l-hwejjeg tas-socjeta konvenuta saru fost il-prodotti ewlenin mibjugha mis-socjeta attrici minn gol-hanut taghha fuq imsemmi;

9. Illi imbaghad, minghajr ebda pre-avviz ta' xejn, is-socjeta konvenuta arbitrarjament u unilateralment iddecidiet illi sabiex hija tkompli tforni u tissuplixxi lis-socjeta attrici, din kellha fi zmien qasir tibda topera bhala monobrand biex tbiegh biss il-prodotti u l-hwejjeg tas-socjeta konvenuta ad eskluzjoni ta' kwalsijasi ditta ohra;

10. Illi din id-decizjoni kienet tmur kontra kull ftehim milhuq bejn il-partijiet u s-socjeta konvenuta qatt ma kienet intimat din l-intenzjoni taghha illi tiftah monobrand f'Malta fil-kors tad-diskussjonijiet illi kienu saru bejn iz-zewg partijiet u li kienu wasslu ghall-ftuh tal-hanut f'Tigne Place, Sliema, u dan minkejja li fi skambju prolungat ta' korrispondenza bejn iz-zewg partijiet, is-socjeta konvenuta tenniet illi dejjem kienet l-intenzjoni taghha illi f'Malta jkollha monobrand jew franchising shop;

11. Illi s-socjeta attrici ddikjarat bic-car illi fil-prezent ma kienx ekonomikament u kummercjalment fattibbli illi jinfetah u jigi operat monobrand ghall-bejgh ta' hwejjeg u prodotti esklussivament tas-socjeta konvenuta, u tenniet ukoll li, kieku hija kienet giet mgharrfa b'din l-intenzjoni li kellha s-socjeta konvenuta, ma kienitx timbarka fl-investiment enormi illi ghamlet biex tiftah il-hanut f'Tas-Sliema u biex tippromwovi l-hwejjeg u prodotti tas-socjeta konvenuta;

12. Illi jidher bic-car li, kif anke gie ammess minn rapprezentanti tal-istess socjeta konvenuta, id-decizjoni ghall-ftuh ta' monobrand li jbiegh esklusisvament il-hwejjeg u prodotti tas-socjeta konvenuta, ittiehdet wara li kien intwera interess ghal dan il-progett minn negozjanti ohra f'Malta, ghalkemm fir-realta dan il-monobrand jew franchising shop baqa' qatt ma nfetah sal-lum il-gurnata;

13. Illi s-socjeta konvenuta, b'turija mil izjed cara ta' mala fede u bi ksur lampanti tal-principju baziku illi l-kuntratti ghandhom dejjem jigu ezegwiti in buona fede, hadet u imponiet din id-decizjoni wara li s-socjeta attrici kienet ghadha kemm ghamlet ordni sostanzjali hafna ghall-prodotti tas-socjeta konvenuta konsistenti fi hwejjeg tal-kollezzjonijiet tal-harifa - xitwa 2008 u r-rebbiegha - sajf 2009, liema ordnijiet certament li ma kienux isiru kieku s-socjeta konvenuta kienet intimat id-decizjoni irrimovibbli taghha li tinsisti fuq il-ftuh ta' monobrand shop f'perjodu qasir ta' zmien, xi haga illi qatt ma kienet giet diskussa qabel u li ma kienitx tifforma parti mill-pjan ta' hidma mfassal mis-socjeta attrici bil-barka u l-konsapevolezza tas-socjeta konvenuta;

14. Illi fid-dawl tas-suespost, zgur illi ma kienx ghadu jaghmel ebda sens illi s-socjeta attric tkompli tmexxi u tippromwovi l-prodotti tas-socjeta konvenuta meta din kienet uriet bic-car li ma kienitx ghadha interessata illi tkompli tistawra u ssahhah ir-relazzjonijiet kummercjali mas-socjeta attrici u li riedet tiftah monobrand shop (naturalment ma' terzi persuni f'Malta ghaliex is-socjeta attrici kienet esprimiet b'termini cari illi dan ma kienx jaghmel parti mill-pjanijiet taghha u lanqas ma kien kummercjalment fattibbli) ghaliex fl-ahhar mill-ahhar bil-kontinwat bejgh u promozzjoni tal-hwejjeg u prodotti tas-socjeta konvenuta effettivament is-socjeta attrici ma tkun qed taghmel xejn ghajr li ssahhah il-klijentela ghall-prodott li kien se jaqa' f'idejn il-kompetizzjoni;

15. Illi fl-istess waqt li kienu ghaddejjin id-diskussjonijiet bejn iz-zewg partijiet permezz ta' skambju prolungat ta' emails, is-socjeta konvenuta istitwiet proceduri gudizzjarji kontra s-socjeta attrici quddiem it-Tribunal ta' Reggio Emilia ghall-hlas tas-somma dovuta ghall-ordnijiet fuq imsemmija u fil-5 ta' Gunju, 2009 otteniet sentenza (vide Dok. 'A') li permezz taghha s-socjeta attrici giet ikkundannata li thallas is-somma ta' €71,734.30 oltre l-imghax u l-ispejjez u dan ghall-merkanzija illi effettivament la qatt giet konsenjata mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici u lanqas ma giet depozitata (anke jekk biss formalment) taht l-Awtorita tat-Tribunal ta' Reggio Emila jew tal-Qrati Maltin u din il-merkanzija li ghaliha s-socjeta konvenuta ottjeniet ordni ta' hlas kienet u ghadha fil-pussess tal-istess socjeta konvenuta;

16. Illi s-sentenza moghtija mit-Tribunal ta' Reggio Emilia giet dikjarata enforzabbli f'pajjizna b'digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fit-8 ta' Novembru, 2010 in segwitu ghal rikors prezentat fit-12 t'Ottubru, 2010 (vide Dok. 'B');

17. Illi sussegwentement ukoll is-socjeta konvenuta talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 134/11 kontra s-socjeta konvenuta (vide Dok. 'C') sabiex tinforza l-hlas ta' somma ta' flus ghall-merkanzija illi effettivament kienet u baqghet dejjem fil-pussess tal-istess socjeta konvenuta li naqset li jew tikkonsenjaha lis-socjeta attrici jew tal-inqas tiddepozitaha (anke jekk biss formalment) taht l-Awtorita tat-Tribunal ta' Reggio Emila jew tal-Qrati Maltin;

18. Illi ghaldaqstant is-socjeta konvenuta sejra tarrikixxi ruhha indebitament ghad-dannu u d-detriment tas-socjeta attrici u ghalhekk ukoll qieghda ssir u tigi prezentata din il-kawza;

19. Illi, oltre dan, bl-agir taghha kif imfisser izjed 'il fuq fil-premessi ta' dan ir-Rikors Guramentat, u, senjatament, billi arbitrarjament u unilateralment iddecidiet illi tikser u tiddipartixxi mill-ftehim originarjament milhuq bejn il-partijiet u li, a bazi tieghu, is-

socjeta attrici ghamlet investiment ta' eluf kbar ta' ewro, is-socjeta konvenuta kkawzat lis-socjeta attrici danni kbar li ghalihom l-istess socjeta konvenuta hija passibbli, u dan kif se jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

20. Illi s-socjeta attrici ghamlet kull sforz possibbli sabiex tilhaq ftehim ta' transazzjoni mas-socjeta konvenuta li pero naqset milli tirreciproka u ghalhekk is-socjeta attrici ma kellha ebda triq ohra ghajr illi tistitwixxi din il-kawza;

21. Illi a tenur tal-provvedimenti tal-Kapitolu 189 tal-Ligijiet ta' Malta dan ir-Rikors Guramentat qed isir u jigi notifikat kemm bil-lingwa Maltija u kif ukoll bil-lingwa Ingliza;

Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(i) Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara li, ghar-ragunijiet fuq premessi, bl-agir taghha s-socjeta konvenuta arrekat danni ingenti lis-socjeta attrici, ghal liema danni l-istess socjeta konvenuta hija legalment passibbli;

(ii) Tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-assistenza u l-opra ta' perit/i nominandi;

(iii) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' dawn id-danni fis-somma li tigi hekk likwidata;

(iv) Tiddikjara in oltre illi bl-otteniment ta' ordni ta' hlas kontra s-socjeta attrici ghall-hlas ta' merkanzija illi baqghet dejjem fil-pussess taghha, is-socjeta konvenuta sejra tarrikkixxi ruhha indebitament ghad-dannu tal-istess socjeta attrici;

v. Konsegwentement tiddikjara illi ebda ammont effettivament mhu dovut mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta ghal tali merkanzija;

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. In linea preliminari s-socjeta eccipjenti teccepixxi illi r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti hija regolata mill-Kundizzjonijiet ta' Bejgh illi jifformaw parti integrali mill-ordnijiet ghall-akkwist ta' merkanzija illi s-socjeta attrici kienet tissottometti mas-socjeta eccipjenti, illi kopja taghhom qieghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. RG2. Skond il-Klawsola ghoxrin (20) tal-imsemmija kundizzjonijiet, kwalunkwe kwistjoni naxxenti mir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti ghandha tigi sottomessa esklussivament lill-Qrati ta' Reggio Emilia, Italja, u dana in piena konformita mad-dispozizzjonijiet tar-Regolament 23 u dispozizzjonijiet ohra relevanti tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea Numru 44/2001. Ghaldaqstant is-socjeta eccipjenti teccepixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Kundizzjonijiet ta' Bejgh pattwiti bejn il-kontendenti u skond il-Ligi;

2. L-eccipjenti tiddikjara espressament illi l-prezentata tar-Risposta taghha u partikolarment l-eccezzjonijiet taghha illi gejjin, qieghdin jigu ssollevati biss sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, u bl-ebda mod dawna ma ghandhom jigu

interpretati bhala sottomissjoni da parti tas-socjeta eccipjenti ghall-gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti;

3. Ukoll in linea preliminari u assolutament minghajr pregidizzju ghal fuq premess is-socjeta eccipjenti teccepixxi illi ai termini tal-imsemmija klawsola ghoxrin (20), il-ligi applikabbli ghall-kwistjonijiet naxxenti mir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti hija esklussivament dik Taljana. Inoltre jigi rilevat illi ai termini tar-regolament 10(1) tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea 864/2007, kwalunkwe talba ghal arrikkiment indebitu illi tkun konnessa mar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, hija regolata mil-ligi applikabbli ghal dik ir-relazzjoni kuntrattwali. Ghaldaqstant is-socjeta eccipjenti teccepixxi n-nuqqas applikabilita tal-ligi Maltija fil-kaz odjern ai termini tal-Kundizzjonijiet ta' Bejgh pattwiti bejn il-kontendenti u skond il-ligi;

4. In linea sussidjarja u assolutament minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari gia sollevati, is-socjeta attrici ghandha tipprovdi garanzija adegwata ghall-ispejjez illi s-socjeta eccipjenti ser tinkorri in konnessjoni mal-proceduri odjerni. Dana qieghed jigi sottomess in vista tal-fatt illi sussegwentement ghall-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet Dottor Matthew Xerri noe vs P.W.A. Limited [illi kopja tieghu tinsab ipprezentata in atti bhala Dok. C] gie depozitat taht l-awtorita ta' dina l-Onorabbli Qorti ammont ta' biss seba' mija u wiehed u tmenin euro u tlieta u sebghin centezmu (€781.73) [kopja tac-Cedola relattiva qieghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. RG3]. B'hekk fin-nuqqas ta' fondi u assi f'isem is-socjeta attrici, is-socjeta eccipjenti ser tkun f'impossibilita assoluta illi tirkupra l-ispejjez minnha inkorsi in konnessjoni mal-proceduri odjerni f'kaz illi jintlaqghu l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess socjeta eccipjenti;

In linea sussidjarja u minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, fil-mertu, is-socjeta eccipjenti teccepixxi s-segwenti:-

5. Permezz ta' tnax (12)-il ordni minnha sottomessi mas-socjeta konvenuta nhar l-10 ta' Dicembru 2007, it-3 ta' Marzu 2008, l-4 ta' Marzu 2008 u s-7 ta' Lulju 2008 rispettivament, is-socjeta attrici ordnat minghand is-socjeta eccipjenti merkanzija konsistenti fi hwejjeg tal-marka Marina Rinaldi formanti parti mill-kollezzjonijiet "Fall/Winter 2008" u "Spring/Summer 2009". Tali ordnijiet kienu irrevokabbli ai termini tal-ewwel (1) u t-tieni (2) klawsoli kontenuti fil-Kundizzjonijiet ta' Bejgh pattwiti bejn il-kontendenti [Dok. RG2];

6. Is-socjeta attrici naqset mill-obbligu taghha illi tircievi l-merkanzija minnha ordna ta u wkoll illi thallas favur is-socjeta eccipjenti s-somma ta' wiehed u sebghin elf seba' mija u erbgha u tletin euro u tletin centezmu (€71,734.30) rapprezentanti l-kunsiderazzjoni tal-bejgh tal-istess merkanzija;

7. Kien ghalhekk illi nhar it-13 ta' April 2009, is-socjeta eccipjenti innotifikat lis-socjeta attrici b' Avviz sabiex hija tonera l-obbligu tal-pagament u sussegwentement, u b'hekk poggiet lis-socjeta attrici in mora ai termini tal-hdax (11)-il klawsola u t-tnax (12)-il klawsola kontenuti fil-Kundizzjonijiet ta' Bejgh [Dok. RG2] u b'hekk is-socjeta eccipjenti effettivament onorat l-obbligu taghha illi tikkonsenja l-merkanzija ai termini tal-kuntratt u skond il-ligi, u pprocediet fil-konfront tas-socjeta attrici bi proceduri quddiem it-Tribunal ta' Reggio Emilia, Italja fl-ismijiet Marina Rinaldi s.r.l. vs P.W.A. Limited;

8. Minkejja illi giet debitament notifikata bl-imsemmija proceduri istitwiti quddiern it-Tribunal ta' Reggio Emilia, Italja s-socjeta attrici baqghet ma pprezentatx id-difiza taghha ghall-istess [Kopja tad-dokumentazzjoni relattiva ghan-notifika tas-socjeta attrici b'tali proceduri qieghda tigi hawna annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. RG4] u konsegwentement nhar il-5 ta' Gunju 2009 l-istess Tribunal laqa' t-talbiet tas-socjeta eccipjenti billi ddikjara lis-socjeta attrici debitrici tas-socjeta eccipjenti fl-ammont ta' wiehed u sebghin elf seba' mija u erbgha u tletin euro u tletin centezmu (€71,734.30) bhala s-sorte, u dana oltre ghall-ispejjez u interessi skond id-Digriet Legislattiv Taljan 9.10.2002 Numru 231. Kopja tal-imsemmija Sentenza diga tinsab ipprezentata in atti bhala Dok. A. Ghandu jinghad illi s-socjeta attrici, debitament notifikata, ma interponiet ebda appell minn tali Sentenza u konsegwentement inhareg Certifikat Ewropew ta' Enforzabilita in konnessjoni mal-istess Sentenza ai termini tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea Numru 805/2004;

9. Minkejja dan, is-socjeta attrici baqghet tonqos mill-obbligi taghha illi thallas l-ammont minnha dovut favur is-socjeta eccipjenti u kanonizzat permezz tal-istess Sentenza;

10. Kien ghalhekk illi s-socjeta eccipjenti pprocediet bil-proceduri hawn Malta fl-ismijiet Dottor Matthew Xerri noe vs P.W.A. Limited, fejn talbet illi s-Sentenza moghtija mit-Tribunal ta' Reggio Emilia, Italja nhar il-5 ta' Gunju 2009 fl-ismijiet Marina Rinaldi s.r.l. vs P.W.A. Limited tigi dikjarata enforzabbli hawn Malta ai termini tar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea numru 44/2001 u 1496/2002;

11. Permezz tad-Digriet minnha moghti nhar it-8 ta' Novembru 2010 [illi kopja tieghu jinsab ipprezentat in atti bhala Dok. B] dina l-Onorabbli Qorti diversament ippreseduta mill-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro laqghet it-talba tas-socjeta eccipjenti u b'hekk is-sentenza moghtija mit-Tribunal ta' Reggio Emilia, Italja nhar il-5 ta' Gunju 2009 [Dok. A] giet reza enforzabbli hawn Malta. Is-socjeta attrici giet notifikata bid-Digriet tat-8 ta' Novembru 2010 ai termini tar-regolament 42 tar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea numru 44/2001, pero hija naqset milli tinterponi Appell minn tali Digriet kif kellha kull dritt illi taghmel ai termini tar-regolament 43 tal-istess Regolamenti. Kopja tad-dokumentazzjoni relattiva ghan-notifika tas-socjeta attrici b'tali Digriet qieghda tigi hawna annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. RGS. Ghall-kompletezza, jigi rilevat illi s-socjeta attrici lanqas ma intentat xi procedura ta' ritrattazzjoni fil-konfront tal-proceduri gewwa l-Italja, u kwindi, fil-kontumacja tas-socjeta attrici, in-nuqqas taghha illi tappella u n-nuqqas taghha illi taghmel xi forma ta' ritrattazzjoni, hemm akkwijexxenza cara da parti tal-istess socjeta attrici fil-gustizzja tal-istess Sentenza;

12. Fic-cirkostanzi ghalhekk is-socjeta eccipjenti pprocediet skond il-ligi billi pprezentat il-Mandat la' Sekwestru Ezekuttiv Numru 134/2001, illi kopja tieghu tinsab ipprezentata in atti bhala Dok. C;

13. Is-socjeta eccippjenti tissottometti illi minn dak fuq premess isegwi illi:

• Ai termini tal-Avviz sabiex jigi onorat l-obbligu tal-pagament mibghut lis-socjeta attrici u ai termini tal-Kundizzjonijiet ta' Bejgh pattwiti bejn il-kontendenti [Dok. RG2], wara illi nnotifikat lis-socjeta attrici bil-fatt illi l-merkanzija kienet lesta sabiex tigi

kkonsenjata hekk kif isir il-pagament u effettivament onorat l-obbligu tal-konsenja ai termini tal-kuntratt u skond il-ligi, is-socjeta eccipjenti kellha kull dritt illi tissospendi l-konsenja tal-merkanzija ordnata mis-socjeta attrici u illi tipprocedi ghall-hlas tal-ammonti dovuti lilha da parti tas-socjeta attrici; u

• In vista tal-Avviz sabiex jigi onorat l-obbligu tal-pagament, tas-Sentenza tat-Tribunal ta' Reggio Emilia, Italja tal-5 ta Gunju 2009 [Dok. A] u tad-Digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta nhar it-8 ta Novembru 2010 [Dok. B], u f'cirkostanzi fejn is-socjeta attrici ma kkontestat bl-ebda mod il-proceduri istitwiti fil-konfront taghha mis-socjeta eccipjenti la b'mezzi ordinarji u lanqas b'mezzi straordinarji (bhal per ezempju r-ritrattazzjoni). l-istess socjeta eccipjenti agixxiet skond il-ligi meta hija pprocediet bil-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 134/2011 [Dok. ,C];

14. Ghalhekk is-socjeta attrici ma tistax issa tippretendi illi billi agixxiet ghall-enforzar tad-drittijiet taghha skond il-ligi, is-socjeta eccipjenti kkagunatilha xi danni, u kwindi l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet attrici ghandhom jigu michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;

15. In kwantu ghar-raba' (4) talba illi permezz taghha s-socjeta attrici tippretendi illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara illi permezz tal-ezekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 134/2011, is-socjeta konvenuta sejra tarrikkixxi ruhha indebitament ghad-dannu tal-istess socjeta attrici, is-socjeta konvenuta teccepixxi s-segwenti:

• Is-socjeta attrici accettat il-klawsola 11 tal-Kundizzjonijiet ta' Bejgh illi jirregolaw ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, illi tipprovdi illi "Without prejudice to its rights under conditions 5 and 6 hereof the supplier may suspend deliveries of goods until all outstanding amounts shall have been paid to it by the buyer, whether such outstanding amount shall refer to the order in course of delivery or not. In such case the buyer shall remain unconditionally liable to accept delivery of goods even after the time for delivery shall have passed", u l-klawsola 12 tal-istess Kundizzjonijiet ta' Bejgh illi tipprovdi illi "should deliver be delayed at the buyer's request or fault, the goods remain stored at buyer's expenses and risk. In this case, buyer being notified that the goods are ready for collection is equivalent to handling the goods to the transporters". Ghalhekk is-socjeta attrici, debitament notifikata bl-Avviz sabiex jigi onorat l-obbligu tal-pagament illi kien jinkludi interpellazzjoni ghall-pagament kif ukoll dikjarazzjoni fis-sens illi l-merkanzija kienet ser tinzamm fil-proprjeta tas-socjeta konvenuta u/jew ghand depozitarju pubbliku sakemm il-pagament jigi effetwat, ma tistax issa tippretendi illi ghaliex agixxiet skond il-kundizzjonijiet pattwiti bejn il-kontendenti billi lestiet il-merkanzija ghall-konsenja hekk kif isir il-pagament u b'hekk effettwat il-konsenja ai termini tal-kuntratt u skond il-ligi, u sussegwentement ipprocediet ghall-irkupru ta' l-ammonti dovuti lilha ill vista tal-prezz tal-merkanzija ordnata mis-socjeta attrici, is-socjeta eccipjenti sejra tarrikkixxi ruhha indebitament;

• Fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, is-socjeta eccipjenti teccepixxi illi sussegwentement ghall-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 134/2011, gie ddepozitat taht l-awtorita ta' dina l-Onorabbli Qorti biss l-ammont ta' seba' mija u wiehed u tmenin euro u tlieta u sebghin centezmu (€781.73) [Dok. RG3], illi s-socjeta eccipjenti baqghet qatt ma sbankat. B'hekk, galadarba s-socjeta

eccipjenti ghadha ma rcevietx fil-patrimonju taghha l-ebda ammont da parti tas-socjeta attrici, ma tistax tigi promossa b'success l-actio de in rem verso, illi tirrikjedi illi l-parti illi kontra taghha tkun qieghda tigi promossa l-istess azzjoni tkun irceviet fil-patrimonju taghha xi beneficcju da parti tal-parti illi tkun qiegbda tippromwovi l-azzjoni u dana ghad-dannu tal-istess parti;

16. B'hekk isegwi illi anke r-raba' (4) talba attrici ghandha tigi michuda bhala infondata fil-fatt u fid-dritt;

17. In kwantu ghall-hames (5) talba attrici, l-esponenti, filwaqt illi tirribadixxi l-eccezzjonijiet precedenti taghha, tissottometti ulterjorment illi din il-materja diga giet deciza permezz tas-Sentenza moghtija mit-Tribunal ta' Reggio Emilia nhar il-5 ta' Gunju 2009 fl-ismijiet Marina Rinaldi s.r.I. vs P.W.A. Limited [Dok. A], liema Sentenza giet reza ezegwibbli f'Malta permezz tad-Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' Novembru 2010 fl-atti tar-Rikors l-ismijiet Dottor Matthew Xerri noe vs P.W.A. Limited [Dok. B], u ghalhekk b’applikazzjoni tal-principju res judicata s-socjeta attrici ma tistax issa tippretendi illi dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi ma hemm l-ebda ammont dovut mill-istess socjeta attrici favur is-socjeta eccipjenti. B'hekk anke dina t-talba attrici ghandha tigi michuda bhala infondata fil-fatt u fid-dritt;

18. In vista tal-fuq premess, isegwi illi t-talbiet attrici huma ghal kollox fiergha (u effettivament jinkwadraw ruhhom fl-artikolu 10(1) tal-Tariffa A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), u ghalhekk is-socjeta eccipjenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta giet deciza b’sentenza tat-13 ta’ Marzu 2012;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel talba tas-socjeta attrici dwar l-allegata responsabbilta tas-socjeta konvenuta ghad-danni;

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza maghmula mis-socjeta attrici. L-ewwel talba cioe responsabilta u t-tieni u t-tielet talbiet konsegwenzjali ghall-ewwel talba cioe likwidazzjoni u hlas ta’ danni huma naxxenti minn allegat ftehim kummercjali, distint mill-bejgh u fornituri ta’ abbiljament konness ma’ dan il-ftehim u kondizzjonijiet hemm annessi, u nuqqas tas-socjeta konvenuta li tottempera ruhha ma’ dan il-ftehim.

Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza fil-qosor huma s-segwenti. Is-socjeta attrici fl-2006 xtaqet illi tibda tbiegh il-prodotti tal-marka Marina Rinaldi mill-istabiliment multimarka taghha u avvicinat lis-socjeta estera msemmija ghal dan l-iskop. Fil-fatt jidher li ntlahaq intiza bejn il-partijiet u s-socjeta attrici f'Jannar 2007 bdiet tixtri l-prodotti Marina Rinaldi biex tbieghhom mill-istabbiliment taghha li kif inghad kienet tbiegh prodotti ohra oltre ta' din id-ditta in kwistjoni. Il-ftehim jew intiza baqa' bla problemi sal-2008 meta nqalghet kwistjoni bejn il-partijiet fuq il-proposta tas-socjeta konvenuta li tiftah hanut monomarka fejn jinbiegh prodotti ta' abbiljament ta' Marina Rinaldi biss.

Jekk taghsar l-allegazzjonijiet attrici li jwasslu ghat-talba ghad-danni dawn jistghu jigu puntwalizzati kif gej:

a. Illi kien intlahaq ftehim mas-socjeta konvenuta li din tissuplixxi b'mod esklussiv hwejjeg tad-ditta Rinaldi biex jinbieghu mill-hanut tas-socjeta attrici u b'din l-intiza u fuq ir-rieda tas-socjeta konvenuta s-socjeta attrici fethet hanut f'Tigne bi spiza u investiment sostanzjali, u dan bil-beneplacitu tas-socjeta konvenuta;

b. L-intiza kienet li l-prodott jinbiegh mill-hanut multimarka tas-socjeta attrici;

c. Illi wara zmien u meta s-socjeta attrici stabbiliet relazzjoni kummercjali soda ghal bejgh tal-prodott Rinaldi mill-hanut taghha, is-socjeta konvenuta imponiet il-kundizzjoni li sabiex tkompli tforni l-prodott Rinaldi lis-socjeta attrici, din tal-ahhar kellha topera biss bhala monobrand shop u mill-hanut jinbeigh biss prodotti ta' Marina Rinaldi;

d. Is-socjeta konvenuta agixxiet in mala fede ghax tali proposta jew kundizzjoni saret wara li kellha turija ta' interess minn negozjanti Maltin ghal tali progett;

e. Ghalhekk is-socjeta attrici ma kellhiex opzjoni hlief li tieqaf tippromuovi l-prodott tas-socjeta konvenuta ghax effettivament kienet qed tkun tagevola prospettivi kompetituri li jifthu l-monobrand shop, meta l-istess socjeta konvenuta kienet qed turiha li mhix interessata tkompli bir-relazzjoni kummercjali li kellha.

Hi l-fehma tal-Qorti illi l-bazi tal-azzjoni attrici, u dan kif rifless b'mod car mill-premessi, hu ksur kontrattwali milhuq u instawrat b'mod konkret bejn il-partijiet.

Hu principju stabbilit mill-gurisprudenza u dan b'mod kostanti illi jinkombi fuq min jallega jipprova l-fatt allegat u l-konsegwenzi fin-nuqqas.

Il-qofol tal-kwistjoni kif taraha din il-Qorti hu r-rapport li gie konkretizzat fil-bidu tal-2007. Ix-xiehda tad-direttrici Josephine Montebello ghal PWA tikkontrasta sew max-xiehda ta' Carlo Meli, export manager ta' Marina Rinaldi bejn l-1996 u l-2007. Filwaqt illi Josephine Montebello tirrafferma dak li jirrizulta mill-premessi fis-sens illi l-hanut f'tas-Sliema nfetah fuq insistenza tas-socjeta konvenuta u bl-intiza li jkunu distributri esklussivi tal-marka Rinaldi mill-multibrand shop taghhom, Carlo Meli jinsisti illi ghalkemm ma kellux oggezzjoni li s-socjeta attrici tbiegh il-prodott Marina Rinaldi mill-hanut multibrand il-ftehim kien biss fis-sens li ghal mument is-socjeta attrici tkun l-uniku sieheb f'Malta imma ebda esklussivita ma setghet tinghata lil multibrand shops skond il-prassi tal-kumpanija. Jidher li l-ewwel email li titfa' dawl fuq dak li seta' gie miftiehem hi dik tal-24 ta' Jannar 2007 mibghuta min Carlo Meli fejn jinghad hekk: "For the time being you will be the sole partner in Malta even though I can't make any formal type of exclusive contract" (fol. 248 tal-process).

Fuq rikjesta esplicita da parti tas-socjeta attrici ghad-drittijiet esklussivi fuq il-bejgh tal-prodott b'email tat-30 ta' Jannar 2007 (fol. 249 tal-process) Meli rrisponda b'email tal-15 ta' Frar 2007 li decizjoni dwarha setghet tinghata biss fil-futur (fol. 246 tal-process). Qed tigi riprodotta interament l-email tat- 30 ta' Jannar 2007:

> Dear Carlo,
> In the email outlined hereunder, you have stated that we will be the sole partner for the time being.
> We have all good intentions to build a good clientele for Marina Rinaldi products. We are sure that you are aware that this entails a lot of hard work and a lot of expenses to promote.
> As already expressed at the meeting we had at your offices, Malta is a very small Island and there is no room for another Company selling Marina Rinaldi products. For this reason we would like to have a written agreement that grants us exclusive rights in the Republic of Malta and also outlines reasons for non continuity of exclusivity. This written agreement should also indicate to us as to how you would like us to promote Marina Rinaldi in Malta.
> Your early reply is appreciated since we would like to make travel arrangements to place orders and put our mind at rest that there would not be any future problems
> Thank you and best regards,
> Josette and Walter.

Qed tigi riprodotta wkoll il-parti tar-risposta in mertu tal-15 ta' Frar 2007:

> Regarding the "gentleman's agreement" concerning the matter about being the sole retailer for Malta, we will let you know in the near future.

Jidher li a bazi ta' dawn l-emails is-socjeta attrici bdiet tixtri l-prodott Marina Rinaldi skond l-istagun li jkun imiss. Jirrizulta b'mod car mill-emails anki jekk wiehed jiskarta dak li seta' ntqal u ma ntqalx meta ltaqghu l-partijiet qabel intlahqet intiza ghal bejgh tal-prodott Rinaldi mis-socjeta attrici, illi bl-email tal-24 ta' Jannar 2007 wara li kienu ltaqghu l-partijiet wicc imb wicc is-socjeta konvenuta bl-ebda mod ma ntrabtet jew weghdet li tintrabat b'xi forma ta' exclusive distributorship tal-prodott taghha mas-socjeta attrici u illi l-arrangement li tissuplixxi l-prodott Rinaldi lis-socjeta attrici biss kien wiehed temporanju ghall-ahhar 'for the time being' bla ebda promessa jew assunzjoni ta' ebda obbligazzjoni ulterjuri fil-futur. F'dik l-email a fol. 251 jinghad hekk:

> For the time being, you will be the sole partner in Malta even though I can't make any formal type of exclusive contract.

Il-Qorti tirrimarka wkoll illi ma hemm ebda accenn ghal xi obbligu impost mis-socjeta konvenuta li s-socjeta attrici kellha tiftah xi hanut f'Tigne biex tbiegh il-prodott Rinaldi. Del resto lanqas biss ingiebet prova meta kien infetah dan il-hanut mis-socjeta attrici li kienet gia tikkummercja minn hanut f'San Giljan bil-bejgh ta' prodotti ta' abiljament ta' marki differenti. L-unika haga li ssemmi s-socjeta attrici fl-email sussegwenti tat-30 ta' Jannar hu illi hemm hafna spejjez biex jigi promoss il-prodott u ghalhekk xtaqet l-esklussivita tas-suq Malti. Pero ma jissemma' xejn illi biex jinbiegh il-prodott Rinaldi kellu jinfetah dan il-hanut f'Tigne.

Il-Qorti tqis illi hawn si tratta taz-zewg kumpaniji fin-negozju fejn hu prezunt li jafu l-mestjer taghhom u konsapevoli tad-drittijiet li jinholqu mit-tip ta' relazzjoni kummercjali li jkun hemm stabbilit. F'dan il-kaz is-socjeta attrici accettat li tibda tixtri l-prodott Rinaldi ben konxja li ma kellha ebda drittijiet oltre li ghal zmien imprecizat izda zgur temporanju kif espress fil-kliem 'for the time being' kienu ser ibieghu il-prodott Rinaldi huma biss bla ebda rbit ulterjuri.

Qamet il-kwistjoni mix-xhieda u specjalment fil-kontroezamijiet li saru lis-successur ta' Carlo Meli, cioe Sabrina Toni, jekk is-socjeta konvenuta kinitx avzat lis-socjeta

attrici fil-bidu cioe fl-2007 illi l-intenzjoni tas-socjeta konvenuta kienet li jifthu monobrand shop anki ma' terzi, il-Qorti tqis illi kienet x'kienet l-intenzjoni li seta kellha s-socjeta konvenuta, haga mhix ippruvata jew accertata b'mod car u definittiv mill-provi, jibqa' l-fatt illi r-relazzjoni li giet instawrata bejn il-partijiet fl-2007 kien dik bejn fornitur u xerrej ta' prodott bir-rabta tkun biss li jekk issir ordni din tigi rispettata mill-fornituri u mhallsa mix-xerrej. Ma kien hemm ebda obbligu li xi parti tibqa' tbiegh jew tixtri ghal xi zmien definit. Din kienet fil-prattika l-bazi tal-ftehim.

Jidher skond il-fatturi esebiti illi s-socjeta attrici kienet taghmel l-ordni ghall-istaguni li jkun imiss u s-socjeta konvenuta tbiegh u tikkonsenja l-ordni maghmula versu hlas miftiehem. Din is-sitwazzjoni baqghet hekk ghall-sena u fuqhom bla ma sar xi diskors ulterjuri.

Jidher li l-problemi nqalghu fl-2008. Skond Sabrina Toni li dahlet flok Carlo Meli, dan tal-ahhar ma qalilha xejn fuq ir-relazzjoni kummercjali mas-socjeta konvenuta. Hi zzid illi ikun hemm handover b'diskrezzjoni fil-kazijiet fejn hemm franchise u sole distributorship u allura hu regolat fuq perjodu ta' snin b'mod kontrattwali bi drittijiet u dmirijiet reciproci. Stqarret li d-ditta topera fi 80 pajjiz fejn ghandhom xi 320 franchise dirett u xi 1,000 fejn hemm negozjju multimarka bhal fil-kaz tas-socjeta attrici. F'dan l-ahhar kaz ma kienx hemm lok ghal ebda approfondiment ma' Mali ghax in-negozju hu fuq bazi ta' bejgh tal-prodott skond l-istagun. Hi ssostni li f'Marzu 2008 safejn jikkoncerna lilha resqet il-proposta tas-socjeta attrici biex il-marka Rinaldi issir monobrand, u dan tenut kont tan-negozju li kien qed isir. Il-proposta saret lis-socjeta attrici ghax kien hemm relazzjoni tajba u xtaqu japprofonduha u jpogguha fuq bazi aktar soda u duratura. Hemm riferiment ghal dan fl-email taghha tat-3 ta' Lulju 2008 (fol. 238 tal-process) meta nqala' dizgwid serju bejn il-partijiet.

Is-socjeta attrici ma taqbilx li hekk sehh izda giet rinfaccjata bis-sitwazzjoni meta gie Matteo Giovanardi l-area manager ghal Malta f'Gunju 2008. F'Marzu kull ma sehh kien li s-socjeta konvenuta accettat li taghti skonti ahjar lis-socjeta attrici. Josephine Montebello zzid li Giovanardi gie ghall-gharrieda f'Malta x'aktarx biex jiltaqa' ma' kompetituri f'Malta peress li xtaq jaghmel hanut monobrand bid-ditta Rinaldi. Dan hu michud mill-istess Giovanardi li xehed illi gie Malta jiltaqa' ma' rapprezentanti tal-monobrand Max Mara li tifforma parti mill-grupp u kif kien Malta tkellem mas-socjeta

PWA fejn cahad li gie jitkellem ma'' xi kompetitur biex jasal f'arrangament ghal monobrand Marina Rinaldi. Jghid li meta kien Malta tkellem biss mad-diretturi tal-PWA fuq il-possibilita li jifthu franchise ta' Marina Rinaldi mas-socjeta attrici.

Is-socjeta attrici tqis illi l-intenzjoni murija mill-istess Giovanardi jew Sabrina Toni li tidher cara mill-emails fix-xhur sussegwenti hi azzjoni mehuda in mala fede kontra l-ftehim li kellhom.

Fl-ewwel lok hi l-fehma tal-Qorti illi l-ftehim li kien hemm ezistenti kien wiehed ibbazat fuq biegh tal-prodott bla rbit ghal ebda parti u kwindi s-socjeta konvenuta kienet libera li ssib partner biex tiftah hanut bid-ditta Rinaldi biss. Il-fatt li jirrizulta mill-provi illi l-offerta saret biss lis-socjeta attrici ma turix mala fede jew nuqqas izda anzi turi rgulija fil-kummerc fejn l-offerta kienet qed issir l-ewwel lid-ditta li maghha kellha rapport ta' negozju fil-fornitura ta' prodotti ta' Rinaldi.

Is-socjeta attrici tqis dan bhala tradiment tal-ftehim originali pero l-Qorti ma ssib ebda trdiment jew agir sleali fl-operat tas-socjeta konvenuta. Is-socjeta konvenuta kull ma ghamlet f'dak l-istadju kien li tinforma lis-socjeta attrici bil-hsieb taghha tenut kont tan-negozju li kien isir f'Malta u fejn riedet tizviluppa r-rapport ta' negozju u televah ghal franchise u exclusive distributorship. Sa dak iz-zmien ma kien hemm ebda ftehim iehor mas-socjeta attrici hlief bejgh tal-prodotti Rinaldi skond it-talba maghmula mas-socjeta attrici li setghet f'kull zmien tieqaf tixtri dan il-prodott. Ma jirrizultax li s-socjeta attrici giet mizmuma milli tkompli tixtri l-prodotti Marina Rinaldi jekk ma jintlahaq ebda ftehim fuq il-franchise ghal monobrand shop. Tant hu hekk li rinfaccjati b'din il-proposta ta' franchising is-socjeta attrici ghamlet l-ordni ghall-kollezjoni ta' spring/summer 2009 fis-7 ta' Lulju 2008 cioe wara li kienet konsapevoli minn dak li riedet taghmel is-socjeta konvenuta fl-evolviment tar-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet. Mhux hekk biss izda l-istess socjeta attrici ghamlet il-proposta taghha biex tissegrega parti mill-hanut taghha biex taghmlu monobrand shop ghal Marina Rinaldi fis-16 ta' Lulju 2008 (ara email fol. 230 tal-process) pero waqfet hesrem kull negozjar meta rceviet il-proposta konkreta tas-socjeta konvenuta ghal kondizzjonijiet biex ikun hemm franchise (ara email tas-socjeta konvenuta tat-18 ta' Lulju 2008 fol. 228) u naqset illi thallas u tiehu l-merkanzija li ordnat fis-7 ta' Lulju 2008.

Is-socjeta attrici, qua kummerjcant ma kellha ebda jedd jew gie moghtija x'tifhem f'xi zmien illi l-affarijiet kienu ser jibqghu l-istess sakemm jidhirlha l-istess socjeta attrici. Il-ftehim kien wiehed miftuh ta' bejgh u konsenja individwali u partikolari tal-abbiljament stagonali ta' Marina Rinaldi liema ftehim kien mill-bidu nett meqjus u maghruf mis-socjeta attrici bhala wiehed temporanju. Jekk is-socjeta attrici investiet, dan ghamlitu mhux ghal prodott Marina Rinaldi biss ghax kif issostni l-istess socjeta attrici, hi kellha diversi ditti li tbiegh lil klijenti taghha u kif tammetti l-istess Josephine Montebello fl-affidavit, ghalkemm il-bejgh tal-prodott Rinaldi irnexxa, izda mhux daqs kemm stennew. Kwindi it-twaqqif hesrem tar-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet ma tistqax titqies li sehhet bl-agir tas-socjeta konvenuta li sad-data tal-kontroezami ta' Sabrina Toni fl-2015, ma kien hawn ebda franchise f'Malta tad-ditta Marina Rinaldi u kienu jaghrfu biss lis-socjeta attrici bhala l-uniku venditrici f'Malta ta' prodotti ta' Marina Rinaldi.

Hi l-fehma tal-Qorti illi kien l-agir tas-socjeta attrici stess li holoq id-dizgwid u li wassal ghal waqfien tal-kummerc bejn il-kontendenti. Is-socjeta attrici qatt ma setghet tivvanta ftehim ta' exclusive distributorship, kellha biss commitment temporanju li hi biss ser tbiegh il-prodotti Marina Rinaldi u l-quddiem kellhom jigu mgharfa fuq il-kwistjoni ta' exclusive distributorship. Ma ngiebet ebda prova li l-hanut f'tas-Sliema nfetah minhabba dan il-ftehim biss u mhux biex jitkabbar negozju gia avvjat. Ma ngiebet ebda prova anqas illi s-socjeta konvenuta ippruvat ixxekkel lis-socjeta attrici fin-negozju taghha nkluz fil-bejgh tal-prodotti Marina Rinaldi. Di fatti anki fl-ahhar ordni li saret f'Lulju 2008 ghal kollezzjoni spring/summer 2009 ma kinitx ser tigi mxekkla minn franchise li s-socjeta konvenuta riedet taghmel u li tibda tiffunzjona fil-harifa tal-2009, franchise li effettivament baqghet qatt ma saret u ghalhekk is-socjeta attrici ma sabet ebda xkiel tkompli topera kif kienet topera. Ma rrizultax anqas ebda theddida jew ultimatum kif tallega s-socjeta attrici li s-socjeta konvenuta mhix ser tkompli tissuplixxi prodotti ta' Marina Rinaldi jekk is-socjeta attrici ma taccettax kondizzjonijiet ta' bejgh marbutin ma ftehim ta' franchise.

Kif intqal, is-socjeta attrici kienet ben konsapevoli tal-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet u dan peress li kienet fil-kummerc u kienet taf li r-rabta li kien hemm bejn il-partijiet kienet wahda bla ghoqda ta' zmien jew forma ta' esklussivita.

Il-Qorti ma ssibx illi l-agir tas-socjeta konvenuta b'xi mod irrendiha passibbli jew responsabbli ghal xi danni fil-konfront tas-socjeta attrici.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel talba ta' responsabilta ghad-danni u b'konsegwenza t-tieni u t-tielet talbiet, bl-ispejjez ghas-socjeta attrici.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur